MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Numru. 952/2002

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Domenic Azzopardi

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Domenic Azzopardi ta’ 33 sena, iben Anthony u Joan nee’ Briffa, imwieled Pieta’ fl-1 ta’ Ottubru, 1969 u residenti ‘Ramona’, Triq il-Majjiera, Qawra, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 398969M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-14 ta’ Novembru, 2002, minn Naxxar ghal habta tal-5.30p.m. ikkommetta serq ta’ karozza tal-ghamla Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni LAK 982 li l-valur taghha teccedi s-somma ta’ LM1000 ghad-dannu ta’ Emanuel Cutajar

u/jew Francis xuereb liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, lok, persuna, u xorta tal-haga misruqa.

Akkuzat wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta serq ta’ somma ta’ flus kontanti ta’ LM500 ghad-dannu ta’ Emanuel Cutajar liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, persuna u xorta tal-haga misruqa.

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tas-6 ta’ Lulju 2004 (a fol. 116) li permezz taghha deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 261 (c),(d),(e),(g), 267, 268, 269, 271, 279(b), 281, 334, 17(b), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti ta’ din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tirrigwarda serq ta’ vettura tal-marka Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni LAK 982 liema serq sehh fl-14 ta’ Novembru, 2002 min-Naxxar kif ukoll is-serq tas-somma ta’ haems mitt lria Mlatin (Lm500.00) li kienu jinstabu fil-*left compartment* tal-imsemmija vettura. Mix-xhieda tal-Ispettur David Saliba (a *folio* 12 *et sequitur* tal-process) jirrizulta li waqt li l-imsemmi Spettur flimkien ma PC 902 David Debattista kienu qed jaghmlu xoghol ta’ osservazzjoni fis-Swieqi huma raw vettura tal-marka Mazda 121 bin-numru tar-registrazzjoni LAK 982, u cioe’ il-vettura in kwistjoni, qed tigi parkeggjata fi triq kantuniera ma Triq il-Migdeb. Huma setghu josservaw li f’din il-vettura kien hemm erba’ rgiel. Peress li l-persuna li kien riekeb fil-*front passenger seat* kien persuna maghrufa mal-Pulizjia l-Ispettur jghid li huma hadu notament dwar din il-vettura. Sussegwentement irrizultalhom li l-imsemmija vettura kienet giet rappurtata nieqsa minn certu Emanuel Cutajar li ghamel ir-rapport relattiv l-Ghassa tan-Naxxar. L-Ispettur Saliba spjega li huwa kien

ghalhekk baghat ghall-persuna li kien *front seat passenger* u dan indikalu li l-vettura in kwistjoni kiienet misjuqa mill-imputat odjern. Wara li l-Ispettur baghat ghall-imputat dan ghall-ewwel cahad l-involviment tieghu (ara stqarrija minnu rilaxxjata u esebita a folio 16 sa 18 tal-process) izda sussegwentement l-imputat kien talab huwa stess li jikkoregi dak li kien qal precedentement u fi stqarrija rilaxxjata minnu fl-20 ta' Novembru 2002 (esebita a folio 19 u 20 tal-process) l-imputat ammetta li huwa kien ha l-vettura u l-flus li kien hemm fil-kumpartiment tax-xellug tal-imsemmija vettura. Huwa spjega li hu u Emanuel Cutajar kienu hargu mill-Isptar Monte Carmeli u Cutajar kien kera l-vettura in kwistjoni ghall-gurnata mill-Mellieha. Huma kienu qed jippjanaw li jixtru l-kokajina u jmorru jiehdu gost. L-imputat spjega li huwa kien telaq bil-vettura u bil-flus li kien hemm fiha u mar jiltaqa' ma xi nies li kien ser jixtri d-droga minghandhom u baqa' sejjer
Paceville ma' dawn it-tlieta min-nies. L-imputat jghid li abbanduna l-vettura s-Swieqi fejn effettivament kienu rawh il-Pulizija. Fl-imsemmija stqarrija huwa jammetti b'mod car u inekwivoku li huwa kien seraq il-vettura u l-flus li kien hemm fiha u li ma kienx irritornahom lil Emanuel Cutajar.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta ghalhekk minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien seraq il-vettura in kwistjoni u l-hames mitt lira Maltin (Lm500.00) li kien hemm fiha. Il-Prosekuzzjoni rnexxielha ghalhekk tipprova l-akkuzi minnha migjuba fil-konfronti tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u l-istess imputat qieghed ghalhekk jinstab hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li ghalkemm il-fedina penali tal-imputat m'hijiex netta, din m'hijiex wahda allarmanti. Inoltre wara li semghat lil Charles Miceli, rapprezentant tal-Caritas, jixhed fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2006 fejn huwa informa lil Qorti li l-imputat kien qed jirrisjedi f'wahda mix-shelters tal-Caritas, li kienu qed jittiehdu passi sabiex huwa jibda programm residenzjali sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga fic-Centru tal-Oasi, u li l-imputat kien qed juri certu stabbilita' u kien

jidher motivat sabiex jirriabilita' ruhu, il-Qorti jidrilha li huwa ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u ghalhekk m'hijex ser tinghata piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli kollha msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-6 ta' Lulju 2004 kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, tikkundannah prigunerija ta' tmintax (18) il-xahar sospizi ghal tlett (3) snin millum.

Il-Qortit tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hem mil-piena ta' prigunerija matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------